


# Il-Granmastru Hompesch u ż-Żejtun

*Kitba tal-Michael Galea*

Bejn l-1530 u l-1798 Malta kienet komunita' kosmopolita minħabba l-preżenża fostna tal-kavallieri ta' l-ordni ta San Gwann ta' Gerusalem. Dawn il-kavalieri li kienu primarjament ospedaljieri ġiebu magħhom d-drawwiet u l-kultura ta' pajjiżhom. Kienet kultura Ewropea għaliex huma kienu wild l-aħjar familji fl-Italja, Spanja, Portugal, Franża, Inġilterra u Ġermanja. L-Ordni tal-kavallieri li ra l-bidu tiegħu fil-belt mqaddsa ta' Ġerusalem f'nofs is-seklu ħdax kellu wkoll, barra milli jipprovdi kenn u kura lill-pellegrini nsara fl-Art Mqaddsa, id-difiża tar-Religjon Kattolika. Għalhekk l-Ordni tal-kavallieri kien kruċjata eminentement reliġjuża kontra t-theddida tal-mislem. Dan ifisser li l-membri ta' l-Ordni meta waslu Malta f'Ottubru 1530 taħt it-tmexxija tal-Granmastru Philippe Villiers de l'Isle Adam, Franċiż, huma sabu komunita' kattolika bħal ma hija tagħna. U għalhekk il-kavallieri integraw tajjeb mal-Maltin.

Matul il-268 sena li l-kavallieri damu fostna huma ressqu lil Gżiritna lejn l-Ewropa, u ħallewlna patrimonju kbira artistiku u kulturali. Ħallewlna wkoll bosta fondazzjonijiet u istituzzjonijiet soċjali.

IL-Granmastru kien jirrappreżenta l-Kap ta' l-Istat u kien l-awtorita' suprema fi ħdan l-Ordni u fit-tmexxija tal-pajjiż. Il-Granmastru kien jiġi elett b'vot segriet mogħti fil-konklav. Kien jiġi elett għall-bqija ta' ħajtu sal-mewt. Tmienja-u-għoxrin kienu l-granmastri li mexxew l-Gzejjer Maltin. L-aħħar wieħed fosthom kien l-uniku Granmastru tal-Lingwa Germaniża: Ferdinand von Hompesch.


G. M. Ferdinand Von Hompesch

Il-ħatra tal-Baruni Hompesch bħala Granmastru kienet unanima: xhieda ta' kemm kien migjub mill-kavallieri sħabu. Huwa kellu karriera illustri bħala ambaxxatur ta' l-Ordni fi Vjenna, l-Awstrija, qabel l-ħatra tiegħu għall-maġisteru. Kellu 52 sena. Kien bin familja nobbli u distinta kemm minn naħa ta' missieru kif ukoll min naħa ta' ommu. Ferdinand Hompesch twieled fid-9 ta' Novembru 1744 fil-kastell Bollheim, u nagħta l-ismijiet Ferdinand-Joseph-Hermann-Anton. Matul l-karriera tiegħu qabel ma ġie elett Granmastru Ferdinand Hompesch okkupa diversi karigi fi ħdan l-Ordni, fosthom ta' Gran Bali' bħala Kap tal-Lingwa tal-Ġermanja u għalhekk kellu f'din il-kariġa id-difiża tal-Gżira. Kellu f'idejh l-amministrazzjoni ta' Kommendi bħal dawk ta' Colmar, Dorlisheim, Harford, Villingen, Mulhausen u Sulz.

Jekk forsi fl-ewwel snin tal-migja tagħhom l-granmastri kienu jżommu ruħhom maqtugħin fil-palazz tagħhom, maż-żmien, iżda, l-granmastru beda aktar jitħallat mas-sudditi tiegħu, l-maltin. Twaqqfu bliet għall-aktar kumdita' tal-poplu; bliet dawn li baqgħu jissejħu għal granmastri bħal Senglea (L'Isla), għall-Granmastru Ca-Lude de le Sengle (1553-1557), u Paola (Raħal Gdid) għall-Granmastru Antoine de Paule (1623-1636); is-subborg tal-Floriana beda wkoll jissejjaħ għall-Granmastru Manoel de Vilhena (1722-1736), li sebbaħ, kabbar u saħħaħ d-difiża ta' dan is-subborg. Ħal Qormi, imbagħad, sar magħruf għall-Granmastru Emanuel Pinto de Fonseca (1741-1773), filwaqt li Ħaż-Żebbuġ beda jissejjaħ Belt Rohan għall-Granmastru Emanuel de Rohan Polduc (1775-1797), li kien l-predeċessur immedjat tal-Granmastru Hompesch. Kienet saret drawwa ħelwa li l-Maltin fl-okkażjoni ta' jum il-Festa titulari tal-belt jew raħal tagħhom bdew jistiednu lil Granmastru biex jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet. Il-preżenża tal-

... Ikompli f'pagna 57

# GHAQDA MUŻIKALI BELAND

*... Ikompli minn pagna 55*

granmastru qalb is-sudditi tiegħu kienet naturalment tagħti aktar pompa u ssoktat tferraħ dawk il-festi.

Il-Granmastru Ferdinand von Hompesch baqa' jżomm din it-tradizzjoni. Forsi hu kien l-Granmastru l-aktar popolari u maħbub għaliex kien jitħallat mal-poplu aktar mill-granmastri ta' qablu. Nafu li Hompesch kien preżenti għal festa titulari tal-Lunżjata f'Ħal Tarxien, dik ta' San Filippu t'Aggira f'Ħaż-Żebbuġ, dik ta' San Lawrenż fil-Birgu, u dik tat-Twelied tal-Madonna (il-Bambina) fl-Isla.

Hompesch kien ġie elett Granmastru fis-17 ta' Lulju 1797. Bilkemm kienu għadhom għaddew xahrejn wara din il-grajja li ż-Żabbarin stiednuh jieħu sehem fil-festa tagħhom f'ġieħ il-Madonna tal-Grazzja. Huwa laqa' bil-qalb dik l-istedina, u minn dik is-sena 'l quddiem isem Hompesch baqa' marbut ma' dak ir-raħal.

Dik is-sena stess kienet waslet l-festa ta' Santa Katerina, patruna taż-Żejtun. Jum il-festa kien 25 ta' Novembru. U ż-Żwieten ukoll thajru jistiednu lill-Granmastru biex magħhom jagħti ġieħ lil Patruna tagħhom. Nafu li għal dik l-okkażjoni nkiteb u ġie mitbugħ Innu f'ġieħ il-Granmastru Hompesch waqt l-laqgħa kbira tiegħu maż-Żwieten.

Iżda dan ma kienx bizzejjed. Biex tibqa' mfakkra aħjar dik il-grajja ż-Żwieten xtaqu li r-raħal jingħata it-titlu ta' Belt. Għalhekk il-kappillan, Dun Giacomo Michele Tortella, f'isem il-kleru u l-parruċċani taż-Żejtun ressaq t-talba f'riġlejn il-Granmastru. It-talba jew petizzjoni lill-Granmastru nkitbet bit-Taljan, li maqluba għall-Malti kienet tgħid: 'Il-Kleru u l-Poplu taż-Żejtun, servi l-aktar fidili tiegħek, bl-akbar qima jixtiequ juruk illi l-parroċċa tagħhom hija waħda minn l-aktar qodma, li tgħodd madwar 6000 ruħ, u li għandha l-aktar kummerċ, u li fid-Dejma għandha l-grad ta' Kulunella. Għalhekk jitolbuk illi tgħollilhom din l-parroċċa tagħhom, bħala belt, b'isem li jkun jogħġob lilek. U b'hekk ikollhom l-unur li f'pajjiżhom iżommu għal dejjem it-tifkira tiegħek.'

Id-deġriet li bih it-talba taż-Żwieten ġiet milqugħa iġib il-firma ta' l-Uditur S. Zammit, u nħareġ mill-Palazz tal-Granmastru fit-30 ta' Diċembru 1797: ' Ikun kif inhu mitlub taħt l-isem Biland.' F'dak l-istess jum kien ħareġ deġriet fejn is-Siġġiewi fuq talba simili tas-Siġġiewin kien issemma għall-isem il-Granmastru: Citta' Ferdinando - Belt Ferdinandu.

Fil-każ taż-Żejtun kien ngħata it-titlu ta' Belt Biland (Beland), jiġifieri kunjom xbubit żjit il-Granmastru. Minn dak il-jum 'l quddiem iż-Żejtun baqa' marbut storikament ma' dan il-Granmastru; Hompesch daħal fl-istorja ta' din il-parroċċa.

L-Għaqda Mużikali Beland hija ħolqa oħra ħajja li torbot r-relazzjonijiet ta' Malta u taż-Żejtun b'mod partikulari u aktar mill-qrib mal-familja tal-Granmastru Hompesch. Hija ħaġa sabiħa li dan il-Każin tal-Banda qed igedded dawn ir-rabtit ta' l-imgħoddi mal-Belt ta' Monchengladbach li hija marbuta mal-familja Hompesch.

Din is-sena ċentenarja tfakkar l-200 sena minn mindu l-Granmastru Ferdinand von Hompesch għolla u ta ġieħ liż-Żejtun billi ħalla li isem il-familja tiegħu jitnizzel fl-istorja ta' din il-parroċċa.

***Riferenżi:***

*M.Galea, Die deutschen Ordensritter von Malta, Malta, 1996.*

*E. B. Vella, Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk, Malta, 1927.*

**STRAIGHT LINES**

unisex salon

leon

**28, Gregorio Bonnici Sqr., Żejtun.** **Tel: 673583**



DEGNANDOSI S. A. S. IL GRAN MAESTRO
Dèlla S. R. G., e Prencipe di Malta
**Fra FERDINANDO HOMPESCH**
D'onorare con la Sua Persona per la prima volta
LA TERRA ZEITUN
Nella ricorrenza della Festività di S. Caterina
Titolare della Parrochiale Chiesa

SONETTO

ALTO Signor, cui l'Ottomano audace
Piega assorto la fronte cordoglio,
Quai fur le vie, che ti portaro al Soglio
O Illustre Domator del Veglio edace?

Scorta fu a Te, qual risplendente face,
Colei, che al micidiale insano orgolio
Del Tiranno crudel, qual duro scoglio,
Resistere già fè Nume verace.,

Inclita, Saggia, Valorosa, e Forte
Piena la mente, e il cuor di pura Fede
Spregia l'empio strumento, e le ritorte:

CATERINA, Ti fe' di virtù erede
Tu ne adornasti il cuore, onde risorte
Tornan' quindi a regnar in propria sede.

**In attestazione d'umile ossequio**
**Li Procuratori della Chiesa della Terra' Zeitun**
**Umilissimi, Devot., ed Obligat. Servi, e Vassalli.**

MALTA
1797. (1)

---

(1) **Meħud minn l-oriġinal għand is-Sur Tom.Debono (Żejtun).**

Kopja tas-Sunett illi ġie stampat għall-okkażjoni taż-żjara tal-Granmastru Ferdinand Hompesch għall-festa ta' Santa Katarina fil-25 ta' Novembru 1797.

*ARCHIVIO DEL GOVERNO*

MALTA, VALLETTA, il di 1° Febbrajo 1898.

Si certifica da me Sottoscritto, la seguente essere una vera e fedele Copia estratta dal Volume qui appresso descritto, conservato nell' Archivio del Governo.

Minutario (delle Bolle di Cancelleria)

1797. Tom. 2.

Altezza Serenissima

Fiat prout petitur sub nomine Biland

Il Clero e 'l Popolo della Terra Zeitun servi e vassalli fedeliss. dell'Altezza V. Sereniss. con ogni ossequio espongono d'esser la loro patria una delle più antiche Parrocchie, e per la popolazione di sei mila anime incirca, e per lo commercio la più fiorita, e d'esser nella Milizia Urbana in grado di Colonella: pregano perciò umilmente l'Altezza V.ra Sereniss.: di erigere la loro patria in Città con un titolo ben visto all'A. V. Serma: e ciò per aver l'onore di eternare nella loro patria la memoria dell'Altezza V. Sereniss.: e della grazia

Mag. Hospitis. Hierlem.

Fiat pt. petitur sub nomine Biland. Dat. in Pal. die xxx. Xbris. 1797. (Firmato) S. Zammit Aud.r

A. Micallef

Archivista.

YY—V.
50s.3.91.

Dokument awtentikat maħruġ mill-arkivju tal-Gvern bid-data ta' l-1 ta' Frar 1898 li juri t-talba tal-poplu Żejtuni biex il-Granmastru Ferdinand Hompesch jgħolli liż-Żejtun għad-dinjita' ta' belt kif ukoll it-tweġiba ta' l-istess Granmastru meta kiteb "Fiat sicut petitur sub nomine Biland" nhar it-30 ta' Diċembru 1797.

Dan id-dokument jinsab fis-sala ewlenija tal-Każin Beland.